

Brussell, 7 ta' Frar 2022
(OR. fr)

5825/22

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0114(COD)

CODEC 105
COMPET 62
COMER 9
MI 71
RC 6

NOTA

minn: Il-Presidenza
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: *Thejġija tal-Kunsill Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju) tal-24 ta' Frar 2022*
Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern
- Dibattitu ta' orjentazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota tal-Presidenza dwar ir-"Regolament dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività tal-24 ta' Frar 2022.

Proposta għal Regolament dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern

I. L-għan tal-Proposta għal Regolament

1. Il-qafas internazzjonali u Ewropew ma jindirizzax għalkollox id-distorsjonijiet ikkawżati mill-appoġġ pubbliku mogħti minn Stati terzi lil kumpaniji attivi fis-suq intern. Fil-livell internazzjonali, ir-regoli tad-WTO mhumiex effettivi biżżejjed biex jiġġieldu kontra l-prattiki kummerċjali inġusti marbuta mal-intervent mill-Istat fl-ekonomija, b'mod partikolari fir-rigward tad-distorsjonijiet li ma jaffettwawx il-kummerċ fil-merkanzija. Fil-livell Ewropew, il-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat mill-Kummissjoni Ewropea jkopri biss l-għajjnuna mogħtija mill-Istati Membri. Ebda waħda mir-regoli fis-seħħ ma tirreferi espressament għas-sussidji barranin li l-uniku objettiv tagħhom huwa li jiffaċilitaw l-akkwist ta' kumpaniji jew l-għoti ta' kuntratti pubbliċi fi ħdan is-suq intern.
2. Kif innotat mill-Kummissjoni fil-White Paper tagħha ppubblikata f'Ġunju 2020, dan il-vojt ġuridiku jista' jimmina l-kompetizzjoni ġusta fis-suq intern u konsegwentement ikollu effetti negattivi fuq it-tkabbir, il-kompetittività tal-intrapriżi u l-protezzjoni tal-konsumaturi, u b'hekk jimmina l-kisba tal-objettivi fit-tul tal-Unjoni, inkluż dawk stabbiliti fl-istrateġija industrijali tal-Unjoni adottata fil-5 ta' Mejju 2021.

3. Fil-livell internazzjonali, il-Kummissjoni hija impenjata li tibda taħdem fuq il-modernizzazzjoni tar-regoli tad-WTO biex tkun tista' twieġeb b'mod effettiv għad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u qed tkompli bl-isforzi tagħha fil-konfront tas-sħab tagħha. Fil-livell Ewropew, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Marzu 2019 stiednu lill-Kummissjoni tidentifika l-modi kif timla dan il-vojt ġuridiku sabiex tindirizza bis-siħ l-effetti distorsivi fuq is-suq uniku kkawżati mis-sussidji barranin fis-suq intern. Għalhekk, fil-5 ta' Mejju 2021 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-Proposta għal Regolament dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern.
4. L-adozzjoni ta' strument immirat esklużivament biex jindirizza l-kwistjoni ta' sussidji barranin minn Stat terz fil-kuntest, b'mod partikolari, tal-akkwist ta' kumpanija jew tas-sottomissjoni ta' offerta fil-kuntest tal-ġoti ta' kuntratti pubbliċi fi ħdan is-suq intern, hija għalhekk lieva ġdida essenzjali sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta fis-suq intern.
5. Skont il-proposta leġislattiva, il-Kummissjoni Ewropea ser ikollha s-setgħa li tinvestiga s-sussidji mogħtija minn awtorità pubblika ta' pajjiż terz lil kumpaniji li jwettqu attività ekonomika fis-suq intern. Il-Kummissjoni ser ikollha wkoll is-setgħa ta' investigazzjoni li tippermettilha teżamina operazzjonijiet ta' konċentrazzjoni kif ukoll l-offerti ppreżentati fil-kuntest ta' akkwist pubbliku li jinvolvi sussidju minn pajjiż terz. Hija ser tingħata wkoll l-opportunità li teżamina, fuq inizjattiva tagħha, kwalunkwe attività ekonomika mwettqa fis-suq intern li tinvolvi għotja minn pajjiż terz.
6. Il-Kummissjoni Ewropea ser ikollha firxa wiesgħa ta' miżuri (tnaqqis tal-preżenza fis-suq, ċessjoni ta' ċerti assi, rimborż ta' sussidju barrani, eċċ.) biex terġa' tinkiseb kompetizzjoni ġusta f'każ ta' sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern.

II. Il-passi li jmiss

7. F'konformità mal-Programm tat-Triju, il-Presidenza Franċiża tqis li l-applikazzjoni korretta tar-regoli tal-kompetizzjoni hija essenzjali fil-livell dinji, u hija determinata li tmexxi 'l quddiem il-ħidma fuq il-proposta tal-Kummissjoni dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern. L-eżami ta' dan it-test fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetizzjoni nbeda taħt il-Presidenza Portugiża u dik Slovena u bħalissa għaddej taħt il-Presidenza Franċiża.
8. Dawn id-diskussjonijiet tekniċi wrew appoġġ wiesa' mill-Istati Membri għall-istruttura ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni u l-adozzjoni tagħha malajr kemm jista' jkun.
9. Il-Ministri huma mistiedna jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:
 - a) Taqblu mal-Kummissjoni Ewropea li hemm vojt ġuridiku fir-rigward ta' strumenti mfassla biex jiġġieldu d-distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin u, konsegwentement, mal-ħtieġa li l-Proposta għal Regolament għandha tkun tista' tiġi adottata u tidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun?
 - b) Taqblu mal-istruttura ġenerali tal-istrument propost mill-Kummissjoni Ewropea?
 - c) Taqblu mal-implimentazzjoni ċentralizzata tal-istrument mill-Kummissjoni Ewropea, sabiex tippromwovi implimentazzjoni armonizzata fis-suq intern?